**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2020**

**Rikors Konġunt Numru : 333/2019 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**AD**

**U**

**KS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors konġunt ta' AD u KS datat 16 ta' Lulju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżewwġu fil-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn (2002) u dan kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A;*

*Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal;*

*Illi b'kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Daniela Mifsud Buhagiar tal-erbgħa (4) ta' April tas-sena elfejn u sitta (2006) liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok B, il-partijiet xoljew il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom;*

*Illi b'kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Daniela Mifsud Buhagiar tal-erbgħa ta' Novembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok C, il-partijiet iffirmaw kuntratt għall-firda personali bil-kunsens taż-żewġ partijiet skond l-artikolu 59 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, dan wara li ġew debitament awtorizztati mill-Qorti ta' Malta b'digriet tal-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u għaxra (2010);*

*Illi r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:*

i. *Illi minkejja li l-partijiet isseparaw de lege fl-erbgħa ta' Novembru 2010 huma ilhom jgħixu separatament sa' mis-sena 2005, u għalhekk ferm aktar mill-erbgħa snin rikjesti mil-liġi, u dan kif jirriżulta mill-affidavit tal-partijiet, hawn anness u mmarkati bħala Dok D1 u Dok D 2;*
ii. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, li ilhom erbatax-il sena jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;*
iii. *Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut stante d-dekadenza reċiproka kif tirriżulta mill-kuntratt tas-separazzjoni;*

*Illi għall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1) (a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l-partijiet huma domiċiljati f'Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, iż-żewġ miżewwġin jaqblu li ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul u jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:*

i. *TIPPRONUNZJA l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat mill-partijiet fil-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu, tas-sena elfejn u tnejn (2002)*
ii. *TORDNA lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;*

*U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u*

*opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**AD** xehdet bl-affidavit (fol 4 *et seqq*) illi l-partijiet iżżewwġu f'Ħal Balzan fil-31 ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn (2002). Illi dan iż-żwieġ dam ftit anqas minn tliet snin u minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal. Il-partijiet isseparaw de facto fl-elfejn u ħamsa (2005). Il-partijiet xoljew il-komunjoni tal-akkwisti f'April tal-elfejn u sitta (2006). Illi f'Novembru tal-elfejn u għaxra (2010) il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali. Ma kienx hemm pendenzi bejn il-partijiet. Hija xehdet illi hija tixtieq li ż-żwieġ issa jinħall formalment u skond il-liġi.

**AD** xehdet (fol 20) ikkonfermat dak li xehdet bl-affidavit u żiedet tgħid illi pendenzi ta' manteniment ma hemmx.

**KS** xehed bl-affidavit (fol 5 et seqq ) u ikkonferma dak li xehdet AD.

**KS** xehed viva voce (fol 22) fejn rega' tenna x-xhieda tieghu.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Awwissu 2002 (Vide Dok A fol 6) u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Daniela Mifsud Buhagiar, f'Novembru 2010 (vide Dok. B fol 8 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi manteniment dovut ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement illi ma kienx hemm rikonċiljazzjoni kif ukoll li lanqas ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mil-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**